# It-Tabelli tal-Provvista u l-Użu: 2019

NR 233/2024 Data tal-Ħruġ: 06 December 2024

*It-Tabelli tal-Provvista u l-Użu (SUT) juru l-valuri tat-tranżazzjonijiet tal-prodotti għall-ekonomija nazzjonali mqassma skont it-tip ta' prodott u industrija. It-tabelli juru l-istruttura tal-ispejjeż tal-produzzjoni, u d-dħul iġġenerat fil-proċess tal-produzzjoni; il-flussi ta' oġġetti u servizzi magħmula fl-ekonomija nazzjonali; u l-flussi ta' oġġetti u servizzi bejn l-ekonomija domestika u l-bqija tad-dinja.*



It-Tabelli tal-Provvista u l-Użu (SUT) jagħtu stampa dettaljata tal-provvista ta' oġġetti u servizzi mill-produzzjoni domestika u l-importazzjoni kif ukoll mill-użu ta' oġġetti u servizzi għall-konsum intermedju u l-użu finali (konsum, formazzjoni ta' kapital gross, esportazzjoni). Dawn huma miġbura għal 216-il prodott u 95 industrija.

Għall-għanjiet tal-pubblikazzjoni, intgħażel livell għoli ta' aggregazzjoni minħabba obbligi ta' kunfidenzjalità. It-tabelli huma ppreżentati skont il-klassifika tan-NACE fejn l-industrji u l-prodotti huma miġbura fi 18-il kategorija (Annessi 1 u 2). Għal skopijiet ta' riċerka, it-tabelli jistgħu jiġu miftuħa f'44 kategorija.

It-tabella tal-provvista (Tabella nru 1) turi s-sors tal-valur totali tal-provvista ta' oġġetti u servizzi bil-prezzijiet tax-xerrejja, skont il-prodott, fl-ekonomija Maltija. Fl-2019, is-sehem tal-produzzjoni domestika fil-provvista totali bil-prezzijiet tax-xerrejja kien ta' 66.4 fil-mija. Is-sehem tal-importazzjoni kien ta' 30.7 fil-mija, filwaqt li s-sehem tat-taxxi netti (it-taxxi fuq il-prodotti wara li tnaqqsu s-sussidji fuq il-prodotti) kien ta' 2.9 fil-mija.

Ċart nru 1 tagħti aktar dettalji dwar is-sehem tal-produzzjoni domestika u tal-importazzjoni fil-provvista totali, bi prezzijiet bażiċi skont il-prodott.

## Ċart nru 1. Il-provvista totali skont il-prezzijiet bażiċi, bil-prodott




It-tabella tal-użu bil-prezzijiet tax-xerrejja (Tabella nru 2) turi kif il-provvista ta' kull prodott intużat fl-ekonomija skont l-użu ewlieni. Il-kategorji ta' użu huma l-konsum intermedju, il-konsum finali tal-households, l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-households (NPISH) u l-gvern ġenerali, il-formazzjoni ta' kapital gross u l-esportazzjoni.

Ċart nru 2 turi kif il-prodotti bil-prezzijiet tax-xerrejja huma mqassma skont it-tip ta' użu. Il-provvista ta' prodotti agrikoli (prodotti A) intużat l-aktar bħala konsum intermedju ta' prodotti u servizzi magħmulin lokalment (43.0 fil-mija), bit-tieni u t-tielet l-aktar użu importanti jkunu l-esportazzjoni (31.3 fil-mija) u l-konsum finali (27.5 fil-mija). L-użu ta' dawn il-prodotti fil-formazzjoni ta' kapital gross kien limitat (-1.8 fil-mija), l-aktar minħabba tibdil fl-inventarji.

L-użu ewlieni tal-provvista ta' prodotti industrijali (prodotti B sa F) kien ukoll il-konsum intermedju (39.1 fil-mija), bil-bqija mifrux bejn l-esportazzjoni (22.8 fil-mija), il-konsum finali (22.7 fil-mija) u l-formazzjoni ta' kapital gross (15.4 fil-mija).

Il-provvista tas-servizzi (prodotti G sa U) intużat l-aktar bħala konsum intermedju (42.1 fil-mija), segwita mill-esportazzjoni (35.8 fil-mija). L-użu l-aktar importanti li jmiss huwa l-konsum finali (19.5 fil-mija), filwaqt li l-formazzjoni ta' kapital gross kellha rwol limitat (2.6 fil-mija).

## Ċart nru 2. L-użu totali skont il-prezzijiet tax-xerrejja, bil-prodott




Il-kompilazzjoni tal-prezzijiet u l-volumi fi ħdan qafas ta' kontabilità tat-tabelli tal-provvista u l-użu tippermetti li jinkiseb it-tkabbir ekonomiku f'termini reali u l-inflazzjoni fil-livell settorjali tal-ekonomija totali. Barra minn hekk, il-bidliet fil-prezzijiet u t-tkabbir fil-volum jistgħu jinkisbu għall-prodotti u l-industriji, u l-kategoriji tad-domanda finali. Dan joffri l-opportunità li titwettaq analiżi dettaljata, bħal dik relatata mal-produttività.